MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2012

Numru. 1270/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Trevor Micallef]**

**vs**

**Jason Peter Drury**

**Kumpilazzjoni Numru: 1270/2010**

**Illum, 20 ta’ Frar 2012**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra Jason Peter Drury, bin Peter u Kathleen Ann nee’ Wright, imwieled l-Ingilterra fit-28 ta’ Dicembru, 1972 u residenti fil-fond 51, Triq Gulju, San Pawl il-Bahar u detentur tal-karta ta’ l-identita bin-numru 102783(M).

Akkuzat talli f' dawn il-Gzejjer, fix-xahar ta' Settembru, 2010 mis-Swieqi u/jew fil-vicinanzi, b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda:-

1. Appropja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, cioe' laptop tal-marka HP ghad-dannu ta' Carmen Martin, liema laptop gie fdat jew kkunsinnat lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li sar uzu minnu specifikat;

2. Akkuzat aktar talli fl-istess xahar, lok u cirkostanzi, b' mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz jew billi nqeda b' qerq iehor jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' laptop tal-marka HP ghad-dannu ta' Carmen Martin.

Rat l-artikoli 293 u 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-fatti ta' dan il-kaz huma semplici u fil-verita m'hemmx kontestazzjoni dwarhom. L-imputat mar fi stabbiliment ma' certu Carmel Bartolo biex Bartolo jakkwista linja telefonika; il-persuna li qdiethom kienet certu Charmaine Martin. Fil-kors tal-konverzazzjoni li kellhom l-imputat qal lil Martin li huwa kien isewwi apparat eletroniku; peress li Martin kellha laptop li kellu bzonn tiswija l-imputat offra li jsewwiehulha. Wara xi granet cemplilha, u mar ghandha biex jiehu l-laptop; peress li huwa ma ridtx jithallas ghax-xoghol li kien ser jaghmel Martin taghtu television imkisser ghall-parts bhala hlas tax-xoghol li kellu jghamel fil-laptop;

il-laptop kellu jigi ritornat xi ftit granet wara. Meta ghadda zmien u l-imputat ma rritornax il-laptop Martin cemplitlu u hu prometta li kien ser jirritornah pero baqa ma rritornahx ghalhekk hi ghamlet rapport ghand il-pulizija.

Illi l-imputat mhux qed jikkontesta dawn il-fatti imma qed jikkontendi li huwa verament kien ser jipprova jsewwi l-laptop pero, peress li dan kellu aktar hsara milli haseb, tah lil certu Mohammed biex isewwih hu; dan Mohammed baqa ma tahx il-laptop lura ghalhekk hu ma setghax jirritornah lil Martin. L-imputat jghid ukoll li hu kien infurmaha lil Martin li jekk ma jirnexxielux isewwi l-laptop hu kien ser jghaddih li xi hadd iehor biex isewwih hu.

Illi meta fil-kors ta'l-investigazzjoni ta' dan il-kaz il-pulizija baghtu ghall-imputat hu rrakkontalhom din il-verzjoni ta' fatti u qallhom ukoll li kien ser imur ghand dan Mohammed biex igib il-laptop. Li gara pero kien li l-imputat ma regghax mar ghand il-pulizija u rrizulta wkoll li huma kienx jghix f'l-indirizz li ta lill-pulizija. Kien biss wara xi xahrejn li l-pulizija irnexxielha tirintraccja u tarresta lill-imputat. F'dan l-istadju l-imputat irritorna t-television li Martin kienet taghtu bhala hlas.

Illi ghandu jinghad li l-imputat ma tantx hu krebibbli bhala xhud; hemm kunflitti f'xi aspetti tal-verzjoni tieghu meta wiehed jikkompara l-istqarrija u dak li qal waqt id-depozizzjoni tieghu quddiem il-Qorti;  minbarra hekk huwa jghid affarijiet li huma inverosimili

Illi l-imputat jghid li huwa offra lil Martin li jsewwielha l-laptop minghajr hlas ghaliex din kienet hobby tieghu; il-Qorti difficilment taccetta li ragel li ma jahdimx u jghix b'l-ghajnuna socjali joffri li jaghmel tiswija fil-laptop u ma jaccettax hlas partikolarment meta sid dan il-laptop ma kenitx xi habiba jew konoxxenza tieghu imma persuna li kien ghadu kif jiltaqa' maghha.

Illi dwar Mohammed l-imputat jaghti verzjonijiet differenti: huwa prova jaghti l-impressjoni li hu ma tantx jafhu u li ltaqghu biss xi tlett darbiet kazwalment, pero waqt id-depozizzjoni tieghu l-imputat jghid li huma kellhom l-istess

hobbies u kienu jsewwu laptops u televisions u affarijiet simili u kieu jaqsmu l-qliegh, attivita li ma setghetx tiddependi fuq tlett inkontri kazwali f'bar f'Bugibba. Anke dwar x'kellu hazin il-laptop jaghti verzjonijiet differenti: f'l-istqarrija jghid biss li kellu l-iscreen mifqugh[1] mentri waqt id-depozizzjoni tieghu prova jaghti l-impressjoni li tant kellu hsara l-laptop li ma kien jiswa ghal xejn tant li anke t-television imkisser kien jiswa aktar minnu.

Illi l-imputat jghid li huwa kien avzaha lil Martin li jekk ma jirnexxielux isewwi l-laptop hu kien ser jghatih li xi hadd iehor ghat-tiswija[2]. Meta Martin irnexxielha tikkomunika mieghu biex tara x'kien sar minnu l-laptop l-imputat qallha biss li kien ser igibulha; kellu kull opportunita jinfurmaha li l-problema kienet ferm akbar milli kienet qed tahseb hi u li kellu jghaddih lil terzi ghat-tiswija pero huwa ma qallha xejn dwar dan.

Illi ghalkemm mhux strettament relevanti ghall-fatti tal-kaz imma zgur relevanti ghal dik li hi l-kredibilita ta'l-imputat dan qal ukoll li huwa ghandu kondotta nadifa meta fil-fatt il-kondotta tieghu turi zewg kundanni.

Illi dawn id-diskrepanzi kollha jimmilitaw kontra l-kredibilita ta' l-imputat.

Ikkunsidrat

Illi l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat huma appropjazzjoni indebieta u truffa.

Illi x'inhuma l-elementi essenzjali ta' dawn ir-reati huwa pacifiku f'l-ordinamament guridiku taghna.

Illi biex jezistu t-truffa jew l-frodi innominata

*... irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew  qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf*

[1] Charmaine Martin fil-fatt tghid li l-unika hsara li kellu l-laptop kien l-iscreen mifqugh.
[2] Martin tinsisti li hu ma kienx qalilha hekk.

*patrimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent ... jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'raggiri jew artifizi - dak li fid-dottrina jissejjah ukoll mis en scene - ikun hemm it-truffa; jekk le ikun hemm hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolenti innominat)*[3].

Illi x'jikostitwixxi r-raggiri u l-artifizji ukoll huwa ben stabbilit fil-gurisprudenza taghna. Fi kliem Antolisei[4]

*artifizio e' ogni studiata trasfigurazione del vero, ogni camuffamento della realta effetuato sia simulando cio che non esiste, sia dissimulando ... cioe che esiste. Il raggiro d'altra parte e un avvolgimento ingenioso di parole, destinate a convincere: piu precisamente una menzogna corredata da ragionamenti idonei a farla scambiare per verita*. .... *E certo che l'espressione del codice di per se' richiama l' idea di una certa astuzia o di un sottile accorgimento nel porre l'inganno in opera*.

Antolisei jkompli jghid pero li

*nell'applicazione pratica della legge questa idea e' andata sempre piu affievolendosi, fin quasi a scomparire del tutto. Per tal modo si e' finito con l'ammettere che anche la semplice menzogna puo bastare per dare vita alla truffa*[5].

Illi f'dan is-sens anke l-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk dwar il-messa in xena:

*Il-Ligi taghna ma tirrikjediex li l-messa in xena, cioe dawk l-artifizji jew raggiri, ikunu xi haga kkumplikata jew arkittetta b'hafna pjanijiet*[6].

Illi l-elementi rikjesti ghall-approjazzjoni indebieta huma differenti, fis-sens li l-qerq li permezz tieghu l-agent jiehu xi vantagg mill-fuducja tas-suggett passiv huwa element

[3] Ref Pulizija ve Carmela German Appell Kriminali deciz 30.12.2004 u l-gurisprudenza hemm kwotata.
[4] Manuale Di Diritto Penale (Giuffre) pagna 356
[5] Op cit pagna 357
[6] Ref Pulizija vs Emanuel Ellul deciza 20.06.1997.

tar-reat ta' frodi biss u mhux tar-reat ta' misappropjazzjoni indebita[7]. U dan ghaliex

*… l-element partikolari tar-reat ta' appropjazzjoni indebita mhux l-uzu ta'l-ingann da parti ta'l-agent biex jottjeni l-oggett, izda dik l-inverzjoni tat-titolu tal-pussess tal-haga li l-agent ikun ottjena minghand is-suggett passiv bil-libera volonta ta' dan. F'l-appropjazzjoni indebita ma jezisti l-ebda element ta' frodi*[8].

Illi dwar id-differenza f'l-elementi rikjesti ghar-reati ta' truffa u appropjazzjoni indebita Francesco Antolisei jghid hekk:

*Nucleo essenziale del delitto in parola* (truffa) *e' l'inganno col quale una persona viene indotta a compiere un atto, positivo o negativo, che importa una diminuzione del suo patrimonio col profitto del agente o di altri. Il consenso della vittima, carpito fraudolentemente, caratterizza il reato e lo distingue sia dal furto che dall'inappropriazione indebita. Ambedue questi reati, infatti, presuppongono il dissenso della vittima, perche il primo esige l'impossessamento della cosa in contrasto col volere di colui che la detieni, mentre il secondo postula da parte del possessore un arbitria, e percio non consentita, assunzione di poteri che sono riservati al proprietario. Nella truffa invece, l'agente, mediante artifizi o ragiri riecse ad ottenere che la vittima si danneggii da se: consgna una cosa, assuma un obbligazione, rinunzi ad un suo diritto, ecc: compia insomma un atto di disposizione pregudizievole per il suo patrimonio e vantaggioso per altri*[9].

Illi mill-provi akkwizieti f'dan il-process jirrizulta li l-imputat ivvinta storja biex jikkonvinci lil Charmaine Martin taghtih pussess tal-laptop taghha biex mbaghad hu ddispona minnhu kif rid hu a beneficcju tieghu. Fil-fehma tal-Qorti dawn il-fatti jinkwadraw ruhhom fit-tieni imputazzjoni addebietata lill-imputat cioe dik ta' truffa.

---

[7] Ref Pulizija vs Joseph Muscat Appell Kriminali deciz 03.03.1997.
[8] Ref Pulizija vs Joseph Muscat op cit
[9] Op cit pagna 354

Illi f'dan l-istadju ghandu jigi rilevat li mill-provi prodotti l-valur tal-laptop ma giex stabbilit, lanqas b'mod approssimattiv, ghalhekk il-Qorti qed issib htija biss ai termini ta'l-artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u mhux ta'l-artikolu 310 ukoll.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu li ghalkemm mhiex netta lanqas m'hi wahda allarmanti. Ladarba il-valur tal-laptop ma giex stabbilit il-Qorti ma tistax tordna xi forma ta' kumpens favur l-parte leza.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti fil-waqt li ma ssibx lill-imputat hati ta'l-ewwel imputazzjoni migjuba konra tieghu u tilliberah minnha, wara li rat l-artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssibu hati tat-tieni imputazzjoni migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kaptiolu 446 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sentejn.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------